MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 108/2007

Kawza fil-lista: 53

**A B *sive* C W**
**vs**
**Q W**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk: li l-partijiet izzewwgu fil-15 Ottubru 1983, u minn dan iz-zwieg ghandhom zewg t'itfal li llum huma maggjorenni; li l-hajja konjugali bejn il-partjiet m'ghadhiex aktar possibbli, minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment tort tal-konvenut li kkommetta eccessi, mohqrija, theddid u offizi gravi kontra l-attrici; li l-parti ottjeniet id-debita awtorizzazzjoni sabiex tipprocedi bl-istanza odjerna; ghalhekk l-attrici qeda titlob li din il-Qorti:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli unikament lill-istess konvenut;

2. Tafda l-kura u kustodja ta' binthom minuri P W f' idejn l-esponenti, bi dritt t'access liberu favur il-konvenut;

3. Tiffissa r-retta alimentarja dovuta lill-esponenti mill-konvenut ghall-bzonnijiet taghha u tal-minuri binthom P W;

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni, taqsamha f'zewg porzjonijiet u tassenja wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut, bin-nomina okkorrendo ta' perit biex jaghmel l-imsemmija likwidazzjoni u jipproponi pjan ta' qasma;

5. Tiddikjara li d-dar bla numru ufficjali, Birkirkara, hija proprjeta' parafernali tal-esponenti u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut sabiex, fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss, jizgombra mill-istess dar u jhalliha libera ghall-uzu taghha;

6. Tikkundanna lill-konvenut sabiex, fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss, jikkonsenja lill-esponenti l-oggetti kollha parafernali, inkluzi flus u krediti ohra, u fin-nuqqas, tikkundannah ihallasha l-valur taghhom, okkorrendo permezz ta' perit nominandi;

7. Tapplika kontra l-konvenut id-disposizzjonijiet tal-artikoli tmienja u erbghin (48), wiehed u hamsin (51), tnejn u hamsin (52) u tlieta u hamsin (53) tal-Kodici Civili.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut cahad dak attribwit lilu, u attribwixxa l-htija tal-firda lill-attrici;

Rat il-kontro-talba li biha l-konvenut rikonvenzjonant ukoll talab is-separazzjoni personali minn ma' martu peress li l-

attrici "irrendiet ruhha hatja fil-konfront tal-konvenut t'adulterju, eccessi, mohqrija, theddid u offizi gravi, b' mod li l-hajja konjugali m'ghadhiex aktar possibbli u z-zwieg tkisser irrimedjabilment ghal-ragunijiet unikament imputabbli lill-attrici; talab ukoll li din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni personali; kopja tal-kontro-talba qed tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti ntegrali mill-istess [Appendici A];

Rat ir-risposta guramentata prezentata mill-attrici rikonvenzjonata, u li kopja taghha tinsab annessa mal-gudizzju odjern [Appendici B];

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni u Kontro-Talba**

Illi permezz tal-proceduri odjerni l-partijiet qed jitolbu s-separazzjoni personali, stante li l-hajja konjugali bejniethom m'ghadhiex aktar possibbli u z-zwieg tkisser irrimedjabbilment, bi htija reciproka. L-attrici tattribwixxi l-htija unikament lill-konvenut fit-temini tal-artikolu 40 tal-kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta; filwaqt li l-konvenut jattribwixxi l-htija unikament lill-attrici fit-termini tal-artikoli 38 u 40 ta' l-istess kapitlu.

Il-partijiet qed jitolbu li din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

**Separazzjoni Personali**

Illi mill-provi jirrizulta lil-partijiet izzewwgu fil-15 Ottubru 1988, u minn dan iz-zwieg ghandhom zewg t'itfal li llum huma t-tnejn maggjorenni.

Illi fis-sena 2006 inqala' nkwiet matrimonjali serju bejn il-partijiet, bir-rizultat li gew istitwiti l-proceduri odjerni. Illum il-partijiet ghadhom jghixu fl-istess dar.

*Verzjoni Attrici*

In sostanza l-attrici tilmenta mill-fatt li zewgha huwa bniedem egojist u ghazzien.  Sa mill-bidunett tal-konvivenza matrimonjali huwa ma kienx jippartecipa fil-hajja matrimonjali, fis-sens li ma kienx irid johrog ma' martu li allura kienet tispicca dejjem waheda, iggorr l-oneru tal-familja u tat-trobbija tat-tfal; u dan anke meta l-attrici kienet kostretta tmur tahdem barra mid-dar.

F'dawn ic-cirkostanzi hi kienet issib appogg mill-familjari taghha li allura kienu jistidnuha biex tohrog maghhom. Dawn kienu wkoll jghinu lill-partijiet finanzjarjament, tenut kont li s-sitwazzjoni finanzjarja tal-partjiiet ma kienitx felici, partikolarment meta kienu qed jibnu d-dar matrimonjali.

Tghid li huwa bniedem egojist, basta li jinqeda wkoll, u kien mohhu biss biex isib kollox lest fid-dar.  L-attrici tghid li hi kienet tqis ruhha bhala skjava u seftura;  u meta l-affarijiet ma jkunux joghgbu lill-konvenut dan kien jinfexx f' theddid, ghajjat u offizi fil-konfront taghha.

L-egojizmu tieghu kien anke manifest fir-relazzjonijiet intimi ta' bejniethom, u tispjega kif maz-zmien il-konvenut ma kienx ifittixha bhal qabel bhala martu, izda meta kien jkunu ntimi kien insensittiv fil-konfront taghha, u gieli kien jimponi r-rieda tieghu fuqha.  Basta li kien jinqeda hu.

Illi rigward il-hiberija taghha ma' W R, l-attrici tispjega li hi kienet imdejqa hafna fis-sitwazzjoni matrimonjali taghha, u ghalhekk kienet ghamlet hbieb ma' din il-persuna f' Awissu 2006, u okkazjonalment kienet tmur tiehu kafé mieghu.

Meta l-konvenut sar jaf b'din il-hbierjia ta' martu ma' ragel iehor, is-sitwazzjoni matrimonjali marret ghall-aghar, u zdied it-theddid, tghajjir u nsulti da parti tal-konvenut li min-naha tieghu kien qed jghamlilha l-ghassa.

Illi, ghalkemm l-attrici tghid li sa dak iz-zmien hi ma kellhiex relazzjoni ma' l-imsemmi W R, izda sussegwentement din il-hbiberija specjali zviluppat f'

relazzjoni adulteruza. L-attrici, fid-depozizzjoni[1] taghha in kontro-ezami tistqarr: "Jiena llum il-gurnata ghandi relazzjoni ma' dan R [W]. Illum il-gurnata nimxi labbranzetta ma' dan R. Illum 2009 ghandi anke relazzjoni ntima mieghu."[2]

*Verzjoni Konvenut*

Illi l-konvenut jiddeskrivi z-zwieg bejn il-partijiet bhala wiehed normali. Jghid li maz-zmien kien accetta li omm il-mara, wara li mietilha zewgha, tmur torqod ghandhom kuljum.

Izda fis-sena 2006 huwa skopra li martu kienet qed tittrattjeni hbiberija ma' ragel iehor, W R. Jghid li hu kien beda jaghmel l-ghassa fuq martu fuq suspetti li kellu, u skopra li dina kienet tiltaqa' ma' dan ir-ragel.

Eventwalment din il-hbiberija li kellha martu harget fil-berah, u s-sitwazzjoni matrimonjali taghhom hzienet. Jghid: "Hi kompliet tiltaqa' ma' W Cassar [R] regolarment u b' mod sfaccjat. Gieli anke rajtu jwassalha bil-pass sa kantuniera 'il boghod mid-dar taghna. Hawnhekk bdejt ninduna kemm veru ma kien sewa ghal xejn dak kollu li kont ghidtilha, jigifieri li ridt nahfrilha u nirranga l-affarijiet."[3]

Il-konvenut jghid li din ir-relazzjoni extra-matrimonjali ta' martu kompliet fil-berah, u martu kienet qed taghmel, u ghadha taghmel minn kollox, biex tkeccih mid-dar matrimonjali. Inoltre, hija ghawwiet lit-tfal kontra zewgha.

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

Illi din il-Qorti, wara ezami rett tal-provi, hija tal-fehema li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser, u dan primarjament tort tal-attrici, u sekondarjament tort tal-konvenut.

It-tort tal-attrici jirrisjedi fil-fatt li dina, matul il-konvivenza matrimonjali, dahlet fi hbiberija ma' ragel iehor, u

[1] Vol.3 – fol.504
[2] Vol.3 – fol.564
[3] Vol.1 – fol.97

eventwalment bdiet relazzjoni adulteruza mieghu. Din kienet il-kawza principali tat-tkissir taz-zwieg.

Min-naha tieghu, matul il-konvivenza matrimonjali l-konvenut gab ruhu ta' bniedem egojist, u kien insensittiv fil-konfront ta' martu, tant li l-hajja matrimonjali ma kienet xejn felici ghaliha. Izda dan certament ma jiskuzax lill-attrici li, bhala mara mizzewwga, tidhol f' relazzjoni extra-matrimonjali. Di piu' il-Qorti, b' referenza ghal dak sottomess mill-attrici fin-nota ta' sottomissjonijet taghha, il-komportament tal-konvenut matul iz-zwieg ma jistax iservi bhala skuzanti jew gustifikazzjoni tal-komportament adulteruz ta' martu[4].

Illi l-komportament tal-attrici jattira fil-konfront taghha s-sanzjonijiet kontemplati fl-artikolu 48 tal-kapitlu 16, fl-intier tieghu.

**Kura u Kustodja**
Illum dan il-kap huwa sorvolat peress li t-tfal tal-partijiet huma maggjorenni.

**Manteniment**
Illi, rigward il-manteniment tal-attrici ghaliha, il-Qorti tosserva li bil-komportament taghha l-attrici ddekadiet mid-dritt li titlob manteniment minghand il-konvenut. Apparti minnhekk, il-Qorti tosserva li l-attrici kapaci tahdem, u fil-fatt tahdem u ghandha ntrojtu.

Illi rigward il-manteniment ghat-tfal, dan il-kap gie sorvolat stante li l-ulied tal-partijiet illum huma maggjorenni.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**

***Dar Matrimonjali***
Illi jirrizulta pacifiku li d-dar matrimonjli Birkirkara nbniet waqt iz-zwieg, fuq bicca art moghtija lill-attrici b' donazzjoni mill-genituri taghha.

[4] Ghas-sahha tal-kompletezza jinghad li c-cirksotanzi tal-kaz odjern huma ferm differenti minn dawk tal-kaz citat mill-attrici fin-nota taghha, cioe' Vicinovic vs Vucinovic [LXXXIII.ii.1241][1998]

Il-pregudizzjali f’ dan ir-rigward hija fis-sens li, filwaqt li l-attrici tikkontendi li din id-dar kollha hija proprjeta’ parafernali taghha, il-konvenut qed jippretendi li, gjaladarba il-bini sar fiz-zwieg u bil-hidma tieghu, allura huwa ghandu kreditu kontra l-attrici tal-valur tad-dar, nieqes il-valur tal-art.

Inoltre, l-attrici ssostni li d-dar inbniet bis-sahha ta’ hutha, partikolarment huha Mario Borg. Min-naha tieghu, il-konvenut jghid li dan Borg kien jghinu fil-kostruzzjoni tad-dar, filwaqt li biex ipattilu lil dan Borg, hu kien jghinu fil-kostruzzjoni tad-dar tieghu.

Illi t-tezi tal-konvenut tinsab korroborata bix-xhieda tal-istess Mario Borg[5], hu l-attrici, li jghid li, filwaqt li l-attur kien jerfa’ il-gebel jaghmel it-tajn u xi affarijiet ohra, hu kien ipoggi l-gebel.  Jghid li fil-post kien hemm certu Barbara jghin fil-kostruzzjoni.  Min-naha tieghu l-konvenut, gieli kien imur jghin lill-istess Mario Borg fil-plot tieghu, u ghalhekk hu ma kienx jithallas tax-xoghol tieghu fil-plot tal-partijiet.  Ix-xhud jghid ukoll li hu kien ghaddielhom l-elettriku fil-post, filwaqt li l-materjali ma kienx jixtrih hu.  Ix-xhud jikkonferma wkoll li hekk kif ix-xoghol kien wasal fl-istadju finali tieghu, u t-tieni sular kien mibni, il-konvenut kien wegga’ dahru, tant li kellu jaghmel operazzjoni.

Ferm il-premess, il-Qorti hija tal-fehema li mill-provi jirrizulta sodisfacentement provat li, ghalkemm id-dar matrimonjali kienet giet kostruwita fuq art parafernali tal-attrici, il-kostruzzjoni taghha sar mill-konvenut bl-assitenza ta’ hu l-attrici, Mario Borg.  Ghalhekk il-konvenut ghandu kreditu kontra l-attrici rapprezentanti valur tax-xoghol li hu kien ghamel f’ dan il-fond, filwaqt li l-komunjoni tal-akkwisti ghandha kreditu kontra l-attrici rapprezentanti l-ispejjez maghmula mill-flus tal-komunjoni waqt iz-zwieg fil-kostruzzjoni tal-binja.

Illi dwar l-komputazzjoni tal-krediti, il-Qorti tosserva li, tenut kont tal-fatt li l-fond kien inbena snin ilu, il-provi fir-rigward mhumiex integri, ghalkemm il-partijiet prezentaw

[5] Vol.3 – fol.513 *et seq.*

xi fatturi u ricevuti;  u l-Qorti thoss li, b' sens ta' gusitizzja u ekwita' ghandha tasal ghall-ammont, dovut lill-konvenut, arbitrio boni viri, bazat fuq il-valur tal-binja kif tidher mill-polza ta' l-assikurazzjoni fuq l-istess, u cioe' LM43,200 [€100,656].

Il-Qorti, tenut kont li l-binja telghet, u x-xoghol sar bis-sahha principalment tal-konvenut, li min-naha tieghu kien jaghmel bi tpattija xoghol ukoll fil-plot ta' Mario Borg, u tenut kont li l-ispiza tal-materjal saret principalment mill-flus tal-komunjoni, il-Qorti tillikwida l-ammont dovut lill-konvenut kemm bhala kreditu fil-konfront ta' l-attrici, kif ukoll bhala sehemu mill-kreditu favur il-komunjoni fl-ammont ta' €50,328 [LM21,600].

*Krediti pretizi mill-attrici kontra l-komunjoni*
Illi l-attrici tghid li, sabiex nbniet id-dar hija hallset is-somma ta' LM3,000 [illum €6,990] rapprezentanti ammonti globali mghotija lilha mill-genituri taghha, kif ukoll is-somma ta' LM2,000 [illum €4,659 ] rapprezentanti somom ta' flus moghtija minn huha Peter Borg.  Min-naha tieghu l-konvenut jinnega li l-partijiet kienu nghataw xi flus ghall-bini tad-dar.  Fi kliemu: "qatt u qatt, ebda membru tal-familja ta' marti ma tana flus sabiex ntellghu d-dar."[6]

In propozitu, Riccarda Borg, omm-l attrici, tghid li peress li l-partijiet kellhom problema tal-flus, tenut kont li l-konvenut kellu paga minima, "jiena u missierha [l-attrici] konna qbadna u tajniha LM3,000 biex tkun tista' tarma d-dar il-gdida.  B' dawn il-flus C kienet hallset is-soqfa tal-ewwel u tat-tieni sular, u l-madum tad-dar kollha."[7]   Hija regghet ikkonfermat dan fix-xhieda taghha in kontro-ezami.

Illi fir-rigward, il-Qorti, tenut kont ukoll tal-fatt li l-konvenut kellu paga baxxa, filwaqt li f'dak iz-zmien l-attrici ma kienitx tahdem, il-Qorti qed taccetta, fuq bazi ta' probabilita', bhala veritiera l-verzjoni li matul il-kostruzzjoni tad-dar hija kienet tat b' donazzjoni lill-attrici, bintha, dak l-ammont ta' flus sabiex tghinha finanzjarjament.  Il-fatt li,

---

[6] Vol.1 – fol.99
[7] Vol.1 – fol.88

wara l-mewt ta' zewgha, l-imsemmija Riccarda Borg, bdiet torqod kuljum ghand il-partijiet, juri r-relazzjoni fil-qrib li din kellha ma' bintha, u jaghti grad ta' konfort lit-tezi attrici li l-genituri taghha kienu ghenuha finanzjarjament kemm biex tibni d-dar, kif ukoll tawha xi affarijiet ghall-armar tal-istess. Ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehema li din il-pretensjoni attrici fil-konfront tal-komunjoni tal-akkwisti hija sostnuta sufficjentement, u l-konvenut ghandu jaghti lill-attrici nofs l-imsemmi ammont, u cioe' LM1,500 [illum [€3,495]

Illi rigward is-somma ta' LM2000 [illum €4,659], allegatament moghtija lill-attrici minn huwa Peter Borg biex jghinha fil-kostruzzjoni tad-dar, f'zewg ammonti ta' LM1,000 [illum €2,329 ], il-Qorti tosserva li l-provi mressqa mhumiex sodisfacenti, u ghalhekk din il-pretensjoni mhijiex qed tigi accettata.

Ghalhekk il-Qorti tordna li l-attrici thallas lill-konvenut is-somma ta' sitta u erbghin elf, tmien mija, tlieta u tletin ewro [€46,833][8].

*Mobbli fid-dar konjugali*

Illi fin-nota guramentata[9] taghha, l-attrici elenkat liema oggetti fid-dar konjugali huma tal-komunjoni, u liema huma parafernali taghha; u wkoll ipproponiet pjan ta' qasma. Fin-nota ulterjuri[10], l-attrici indikat il-valuri tal-oggetti formanti l-komunjoni ta' l-akkwisti. Kopja tan-nota guramentata tal-attrici fejn jinsab dan l-elenku qed tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti ntegrali mill-istess [Appendici C][11]

Illi fin-nota[12] tieghu l-konvenut jikkontesta l-kontenut tal-elenku prezentat mill-attrici, kif ukoll il-pjan ta' qasma ta' dawn il-mobbli kif propost mill-attrici. Huwa qed jipproponi li jew li l-attrici zzomm kollox u thallsu nofs l-valur attwali

---

88 €50,328 - €3,495
9 Vol.1 – fol.17
10 Vol.3 – fol.562
11 Vol.1- fols.17 u 18
12 Vol.1 – fol.33

taghhom jew altrimenti l-oggetti jinbieghu u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partjiet.

Illi fir-rigward tal-oggetti ndikati mill-attrici bhala proprjeta' parafernali taghha, inkluza l-partita ndikata bhala "Kamra tas-sodda fejn jorqod hu – mixtrija mill-attrici meta kienet xebba", il-Qorti taccetta din bhala veritiera, stante li ssib konfort mix-xhieda ta' ommha, Riccarda Borg; filwaqt li taccetta li l-kumplament tal-oggetti elenkati, inkluzi dawk indikati taht l-intestatura 'Tat-Tfal', huma tal-komunjoni; salv ghall-"Figurina kbira li tixghel u diversi pupi tal-porcellana [mixtrija mit-tfal stess]" li huma tat-tfal tal-partijiet, u salv ghall-partita markata "Gradenza u vetrina tas-salott antiki – [taghthomlu ohtu]" u li ghalhekk jappartjenu lill-konvenut bhala parafernali tieghu.

Illi, filwaqt li l-attrici ssostni li l-valuri ta' l-oggetti tal-komunjoni huma dawk indikati minnha fin-nota ulterjuri taghha, fl-ammont komplessiv ta' €5,439, il-konvenut min-naha tieghu ma prezentax stima, u lanqas talab nomina ta' espert sabiex jikkontradici din il-figura, izda kkontesta dan l-ammont billi pparagunah ma' l-ammont dikjarat mill-partijiet fil-poza ta' l-assikurazzjoni, u cioe' €41,940 [LM18,000][13]

In propozitu l-Qorti tosserva li, in difett ta' provi li juri l-kuntrarju, l-ammont assikurat ma jkoprix biss l-oggetti tal-komunjoni, izda jinkludi wkoll il-proprjeta' parafernali tal-attrici, li jinkludi wkoll id-deheb tal-attrici. Din il-kunsiderazzjoni ddghajjef it-tezi tal-konvenut li l-oggetti jiswew daqs kemm hemm indikat fil-polza tal-assikurazzjoni li, inoltre jigi osservat, li tirreferi ghas-snin 2007 u 2008. Mill-banda l-ohra, il-Qorti tosserva li minn ezami ta' l-elenku prezentat mill-attrici, jidher ghal din il-Qorti li l-ammont komplessiv propost minnha ta' €5,439 huwa baxx wisq.

Ferm il-premess, din il-Qorti, wara li ezaminat l-oggetti de quo, u sabiex tevita li l-partijiet jirrikorru f' aktar spejjez, qed tistabbilixxi arbitrio boni viri l-ammont ta' hdax-il elf,

---

[13] Vol.3 – fol.647

sitt mija u hamsin ewro [€11,650] [LM5,000] bhlala l-valur komplessiv ta’ l-oggetti mobbli fid-dar matrimonjali appartenenti lill-komunjoni ta’ l-akkwisti.

Ghalhekk tordna li l-oggetti fuq indikati bhala appartenenti lill-komunjoni ta’ l-akkwisti jinzammu mill-attrici li, min-naha taghha ghandha thallas lill-konvenut nofs il-valur taghhom, u cioe’ hames t’elef, tmien mija u hamsa u ghoxrin ewro [€5,825] [LM2,500].

*Vettura Volkswagen Polo CBN 895*
Il-Qorti taqbel li din il-vettura ghandha tibqa’ fil-pussess tal-konvenut; u ghalhekk tordna li l-attrici tassenja sehemha f’ din il-vettura lill-konvenut, li allura tigi tappartjeni lil dan fl-intier taghha, filwaqt li l-konvenut, ghandu jassumi wahdu d-dejn gravanti din il-vettura, u jhallas lill-attrici l-ammont stabbilit arbitrio boni viri minn din il-Qorti l-ammont ta’ €1,400. Ghalhekk tordna li l-konvenut jhallas lill-attrici s-somma ta’ elf u erba’ mitt ewro.

*Polza Assikurazzjoni Middle Sea Valletta Life Assurance Limited numru 469872*
Il-Qorti taqbel mal-proposta tal-konvenut fir-rigward, u tordna li, in difett ta’ ftehim bil-miktub in propozitu, din il-polza tigi likwidata u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

**Decide**
Tiddeciedi dwar l-azzjoni billi:
[1] tilqa’ l-ewwel talba, fis-sens li tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, primarjament bi htija ta’ l-istess attrici, u sekondarjament bi htija tal-konvenut;
[2] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba, stante li t-tfal illum huma maggjorenni;
[3] tichad it-tielet talba, filwaqt li tapplika fil-konfront tal-attrici d-dispost fl-intier tieghu tal-artikolu 48 tal-kapitlu 16;
[4] tilqa’ ir-raba talba, u xxolji l-komunjoni tal-akkwisti, u tillikwidaha u tassenjaha kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘Komunjoni ta’ l-Akkwisti’;

[5] tilqa’ il-hames talba, u, filwaqt li tiddikjara li l-fond bl-isem, Birkirkara hija proprjeta’ parafernali tal-attrici, u li dan il-fond ma jibqax jitqies aktar bhala d-dar konjugali tal-partijiet, tordna li l-konvenut jizgombra mill-istess fond fi zmien xahar;
[6] tilqa’ is-sitt talba fit-termini ta’ dak stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘Komunjoni ta’ l-Akkwisti’;
[7] tichad is-seba’ talba;

Tiddeciedi dwar il-kontro-talba billi:
[1] tilqa’ l-ewwel talba fis-sens gja’ fuq deciz;
[2] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba, stante li l-minuri llum huma maggjorenni;
[3] tilqa’ t-tielet talba fis-sens gja’ fuq deciz;
[4] tilqa’ ir-raba’ talba limitatament u fis-sens gja’ fuq deciz, filwaqt li tichadha ghall-kumplament;
[5] tilqa’ is-sitt talba fis-sens gja’ fuq deciz;
[6] tilqa’ is-sitt taba fis-sens gja fuq deciz;

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati bejn il-partijiet, in kwantu ghal zewg terzi [2/3] mill-attrici u terz [1/3] mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------